**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 805/2017 AF**

**Automated Revenue Management Systems Ltd (C46054)**

**vs**

**Edwin Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Edwin Bonello li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-artikolu 466 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' att gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti kien innotifkat nhar is-16 ta' Awwissu 2017, fejn gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta' erba' u ghoxrin elf, tlett mija tnejn u erbghin Ewro u erba' centezmi (€24,342.04) rapprezentanti bilanc

dovut ghal konsum ta' ilma u elettriku flimkien ma' kera ta' metres relatata mal-kontijiet tas-servizzi bin-numru 101000015051 ossia dwar il-fond bl-indirizz "Nature World", Triq d'Argens, Msida (Ittra Ufficjali annessa u mmarkata Dok. A).

Ir-rikorrenti jiddikjara li t-talbiet tas-socjetà intimata huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Gol-fond bl-indirizz "Nature World", Triq d'Argens, Msida kien hemm is-socjetà BB&B Ltd li r-rikorrenti kien ghal xi perjodu direttur tal-istess, izda ghal habta tas-sena 2010 kien irrizenja mill-kariga tieghu bhala direttur.

Kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza, l-ammont reklamat mis-socjetà intimata la huwa cert, la huwa likwidu, u wisq anqas dovut jew skadut.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-talba tas-socjetà intimata fil-konfront tar-rikorrenti hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

2. Tiddikjara li r-rikkorrenti mhuwiex debitur tas-socjetà intimata.

3. Illi *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni kif reklamat mis-socjetà intimata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Automated Revenue Management Systems Limited maħlufa minn Reuben Bonnici li permezz tagħha eċċepiet illi:

Ir-rikorrent huwa debitur tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf, tlett mija tnejn u erbghin Ewro u erba' centezmi (€24,342.04), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amminisrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skond il-Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000015051 ossia dwar il-fond bl-indirizz "Nature World", Triq D'Argens, Msida.

L-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali intavolata appozitament taht l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghadu dovut mir-rikorrent fl-intier tieghu.

In kwantu ghall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, din ghandha tigi respinta stante illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali mhuwiex preskritt u ghadu dovut fl-intier tieghu u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In kwantu ghal kont bin-numru 101000015051 rigwardanti l-fond "Nature World", Triq D'Argens, Msida, dan huwa intestat f'isem Edwin Bonello personalment u r-rikorrent qatt ma kontesta dan il-fatt u inoltre qatt ma giet sottomessa applikazzjoni iffirmata mir-rikorrent biex il-kont jigi trasferit fuq is-socjetà BB&B Limited.

Ir-rikorrent gie interpellat diversi drabi mill-mittenti sabiex ihallas l-ammont dovut izda dan sar inutilment kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Di più ma hemm l-ebda raguni valida ghal din l-inadempjenza u r-rikorrent qatt ma kkontesta l-ammont dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra r-rikorrent inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Awwissu 2017.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta t-talba għall-ħlas tas-somma ta' €24,342.04 magħmula mis-soċjetà Automated Revenue Management Systems Limited (ARMS Limited) permezz ta' ittra ufficcjali datata 8 ta' Awwissu 2017 li saret a tenur tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont din l-ittra uffiċċjali, ir-rikorrent huwa debitur tas-soċjetà ARMS Limited għall-imsemmija somma li hija meqjusa ċerta, likwida u dovuta bħala:

> "*bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma imgħax dovut fuq l-ammont skont il-Liġi relatata mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000015051 ossia dwar il-fond bl-indirizz Nature World, Triq D'Argens, Msida…*"

Skont l-istess ittra ufficjali, minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, ir-rikorrent baqa' inadempjenti mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi.

Ir-rikorrent jikkontesta t-talba għall-ħlas billi preliminarjament jgħid illi din it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, ir-rikorrent jikkontesta t-talba billi jgħid illi fl-indirizz li għalih qiegħed jintalab il-ħlas kien hemm is-soċjetà BB&B Limited li r-rikorrent kien għal xi perjodu direttur tagħha imma li huwa rriżenja mill-kariga għall-ħabta tas-sena 2010.

Da parti tagħha, is-soċjetà ARMS Limited tilqa' għar-rikors billi tinsisti li r-rikorrent huwa debitur tagħha fl-ammont mitlub, li l-ammont mitlub mhuwiex preskritt, li l-kont *de quo* huwa intestat f'isem ir-rikorrent personalment, fatt li r-rikorrent qatt ma kkontesta u li in oltre qatt ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni appożita sabiex il-kont jiġi trasferit fuq isem is-soċjetà BB&B Limited.

Xehed Reuben Bonnici in rappreżentanza tas-soċjetà ARMS Limited li ppreżenta *statement* tal-kont in kwistjoni minn fejn jirriżulta li l-ammont mitlub jirrisali għall-perjodu bejn is-snin

1999 u 2002 li miegħu ġew miżjuda l-ispejjeż legali. Fis-sena 2002 dan il-kont ġie trasferit għal fuq isem terzi. L-aħħar pagament li sar kien fis-16 ta' April 2003. Xehed ir-rikorrent li ddikjara li huwa mhuwiex debitur tas-soċjetà ARMS Limited.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti ssib illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 li jipprovdi testwalment illi:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *…*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."*

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Paolo Calleja vs Luigi Vella, tal-15 ta' April 1964, meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni kwinkwennali jispetta lil min jeċċepiha li jipprova li l-ħames snin ikunu għalqu jew skadew. Minn naħa l-oħra jekk dan jiġi ppruvat, imiss imbagħad lill-parti l-oħra li tipprova li l-kors tal-preskrizzjoni kien ġie validament interrott.

Fil-kawza Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Limited, tat-28 ta' April 2004, il-Qorti tal-Appell Inferjuri irriteniet illi:

> *"In linea generali huwa dottrinalment ricevut illi l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta' estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti guridici. Dan johrog sew mil-ligi taghna ad exemplum fl-Artikoli 2107 (2), 2112, 2113, u 2115 (1) tal-Kodici Civili. Hu car ukoll illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hijiex wahda ta' ordni*

*pubblika tant li hi rizervata biss, bl-operat tal-ligi, ex-Artikou 2111 tal-Kap 16, lill-parti interessata.*

*Fil-kaz, allura, li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz. Kif pacifikament stabbilit, "il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita m'hijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha" (**Kollez. Vol. XXX pI p998**; **Vol XXXVII pII p626**)."*

Fil-kaz in ezami, jirriżulta mill-provi li l-bażi tal-pretensjoni tas-soċjetà ARMS Limited hija għall-bilanċ li jmur lura għall-perjodu bejn is-snin 1999 u 2002. L-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 466 ġiet ippreżentata fit-8 ta' Awwissu 2017. Ma ġiex muri li ARMS Limited qatt interrompiet il-preskrizzjoni jew li r-rikorrent qatt irrikonoxxa d-dejn. Għall-finijiet tal-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16, li jipprovdi testwalment illi r-rikorrent xehed minn jeddu u ddikjara li mhuwiex debitur, u allura huwa evidenti li t-talba tas-soċjetà ARMS Limited hija effettivament preskritta.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà ARMS Limited.

IMHALLEF

DEP/REG